**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 29, ta' Ottubru, 2021**

**Rikors Maħluf Nru: 910/2017 CFS**

***VINCENT U MARIE SIVE MARIELLA KONJUĠI AGIUS***

***VS.***

***CHRISTIAN TANTI***

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar it-talbiet tal-atturi miżżewġin Aġius sabiex jieħdu lura l-flus li huma jgħidu li taw b'self lill-konvenut Christian Tanti;

***Daħla***

2. B'rikors maħluf imressaq fl-**<u>4 ta' Ottubru, 2017</u>**, l-atturi miżżewġin Aġius, fissru li bejn Jannar u Frar tas-sena 2016, Vincent Aġius kien silef b'kollox lill-konvenut, Christian Tanti, is-somma ta' €25,000. Jgħidu li dan is-self sar bla kitba u minkejja li l-konvenut Tanti kien wiegħed li ħa jrodd dawn il-flus lura, dan baqa' ma raddhomx;

3. L-atturi Aġius żiedu li huma kienu anke bagħtu ittra uffiċjali lill-konvenut fis-26 ta' April, 2017 biex inewwel lura dawn il-flus, iżda dan kien kollu għalxejn. Għalhekk huma fetħu din il-kawża u talbu lil din il-qorti sabiex:

> *«1. Tiddikjara illi l-intimat hu debitur fil-konfront tar-rikorrenti fis-somma ta' ħamsa u għoxrin elf (25,000) Ewro;*
>
> *2. Tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti din is-somma;*
>
> *Bl-ispejjeż kollha nklużi dawk tal-ittra bonarji inklużi dawk tal-4 ta' Frar, 2016 u 18 ta' Marzu 2016 u dawk tal-ittra uffiċjali, kontra l-intimat li hu minn issa inġunt għas-subizzjoni u bl-imgħax skond il-liġi.»*

4. Il-konvenut Christian Tanti ressaq risposta maħlufa fis-**<u>6 ta` Novembru, 2017</u>** u fiha wieġeb:

> *«Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjes [sic] stante li l-esponenti qatt ma rċieva flejjes mingħand ir-rikorrenti. Dana kif ser jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża.»*

5. Il-partijiet għalqu l-provi tagħhom fil-11 ta' Ġunju, 2021 u ressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub fid-29 ta' Lulju, 2021 u fl-1 ta' Settembru, 2021 rispettivament;

6. Din il-qorti wara li ħadet qies tal-provi u s-sottomissjonijiet kollha mressqa f'din il-kawża, tinsab f'qagħda li tgħaddi għal din is-sentenza;

***Fatti***

7. L-attur Vincent Aġius waqaf jaħdem meta kellu madwar 34 sena, wara li kellu inċident fejn weġġa' dahru (ara paġna 185 tal-atti);

8. Għalkemm l-attur Vincent Aġius ressaq affidavit u anke xehed quddiem il-qorti, huwa qatt ma spjega kif sar jaf lill-konvenut Christian Tanti;

9. Mill-atti tal-kawża però ma jirriżultax li huma kienu ilhom jafu ħafna lil xulxin;

10. Jidher li l-attur Vincent Aġius kien irabbi t-tjur, fosthom tiġieġ u ħamiem, bħala delizzju u kien sewwasew fil-kuntest ta' dan id-delizzju li l-attur Vincent Aġius u l-konvenut Christian Tanti saru midħla ta' xulxin;

11. Il-konvenut Christian Tanti, fil-fatt, xehed li huwa kien sar jaf lill-attur Vincent Aġius fl-2016, għaliex kien xtara mingħandu xi annimali li l-attur kien qed jirreklama għall-bejgħ minn fuq is-sit elettroniku bl-isem '*Maltapark'* (ara paġni 51 u 52 tal-atti tal-kawża). Dan kien tennih ukoll fl-istqarrija li kien ħalla mal-Pulizija f'Awwissu 2016, meta kien qal li huwa sar jaf lil Vincent Aġius għaliex kien xtara xi sriedaq u tiġieġ mingħandu. L-uniku differenza huwa li fl-istqarrija t'Awwissu 2016, il-konvenut qal li huwa kien ilu jaf lill-attur Vincent Aġius xi sena u nofs qabel, jiġifieri kien ilu jafu sa mill-2015 u mhux mill-2016 (ara paġna 31 tal-atti);

12. Dak iż-żmien l-attur Vincent Aġius kellu madwar 55 sena u l-konvenut Christian Tanti kellu madwar 30 sena;

13. Il-konvenut Tanti jgħid li wara li sar dak il-bejgħ, huwa mhux biss baqa' jixtri mingħand l-attur Vincent Aġius, iżda sar anke ħabib tiegħu. Kemm hu hekk, Tanti jgħid li kien mar fuq ħames darbiet fid-dar tal-attur u l-Ħadd kien joħorġu dawra bil-karozza u jieħdu għall-kafè. Iżid jgħid ukoll, li l-attur Vincent Aġius kien jiftaħ qalbu miegħu dwar il-problemi li kellu, u li kull meta l-attur Vincent Aġius kien iċempillu biex iwasslu għal xi qadja, huwa kien jieħdu mill-ewwel bla problemi ta' xejn (ara paġni 52 u 53 tal-atti tal-kawża);

14. L-attur Vincent Aġius jallega li għall-ħabta ta' dan iż-żmien, huwa kien silef lil Christian Tanti s-somma totali ta' €25,000. Fl-affidavit tiegħu, f'paġna 47 tal-atti,

huwa jikteb li silfu somma akbar minn hekk, iżda jgħid li f'din il-kawża huwa qiegħed jitlob li jieħu lura biss is-somma ta' €25,000;

15. Huwa jispjega fl-affidavit tiegħu li bejn id-29 ta' Jannar, 2016 u t-23 ta' Frar, 2016 huwa ġibed mill-bank b'kollox €8,200, li minnhom għadda lil Christian Tanti s-somma ta' €7900. Iżid, li barra minn dawn il-flejjes, huwa ta wkoll lil Tanti s-somma ta' €300 fi flus kontanti u s-somma sħiħa ta' €17,000 li huwa kien ħareġ f'daqqa mill-bank fl-24 ta' Frar, 2016, wara li huwa kien iddikjara mal-bank li dik is-somma kien riedha biex jixtri karozza. Dikjarazzjoni din, li skont l-attur Vincent Aġius ma kinitx minnha għaliex hu lanqas biss kien isuq;

16. Dejjem skont l-attur Vincent Aġius, kien il-konvenut Tanti li kien talbu biex jisilfu dawn il-flejjes u billi kien jafdah huwa sellifhomlu fuq l-idejn, mingħajr ma' għamel karta bħala prova tas-self. Fl-affidavit tiegħu, huwa jgħid li din is-somma kien silifha lill-konvenut għaliex il-konvenut Tanti kien qallu li ħuh kien marid bil-kankru (ara paġna 47 tal-atti);

17. Iżda waqt ix-xiehda tiegħu, mogħtija quddiem il-qorti, l-attur Vincent Aġius jgħid li huwa kien sellef il-flus lill-konvenut għaliex kien ġennu biex jiftaħ negozju tal-karozzi, u kif ukoll għaliex il-konvenut Tanti kellu d-dejn minħabba li ħutu kienu mifluġa bil-vizzju tad-droga (ara paġna 189 tal-atti);

18. Fl-4 ta' Frar, 2016 u fit-18 ta' Marzu, 2016, l-attur Vincent Agius bagħat żewġ ittri lill-konvenut sabiex huwa jrodd lura l-flus li kien silfu ftit qabel, iżda dawn il-flus ma ġewx lura (ara l-affidavit tiegħu f'paġna 48 tal-atti);

19. Minħabba li l-konvenut Tanti ma raddx lura l-flus, l-attur Vincent Aġius, fl-14 ta' April, 2016, mar jagħmillu rapport fl-għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun (ara paġni 22 sa 24 tal-atti). Wara dan ir-rapport, l-attur Vincent Aġius kien anke għamel kwerela fil-21 ta' April, 2016, segwita b'żewġ ittri oħra ta' tfakkira fit-2 ta' Ġunju,

2016 u fid-9 ta' Lulju, 2016, sabiex il-Pulizija tieħu passi kriminali kontra l-konvenut minħabba allegat misapproprijazzjoni (ara paġni 25 sa 28 tal-atti)

20. Il-Pulizija ġabru stqarrija miktuba mingħand il-konvenut fit-8 ta' Awwissu, 2016 (ara paġni 30 sa 35). F'din l-istqarrija, il-konvenut Tanti ċaħad li huwa talab lill-attur Vincent Aġius biex isellfu xi flus. Jaċċetta iżda li ġieli rċieva mingħand l-attur Vincent Aġius xi €10 jew €20 biex jitħallas għall-petrol minħabba li kien iwasslu bil-karozza. Stqarr li għalkemm hu minnu li huwa kien wassal lill-attur il-bank biex jiġbed il-flus u li l-attur kien anke offra li jgħaddilu dawn il-flus, madankollu huwa saħaq li dawn il-flus huwa ma kienx aċċettahom;

21. Dwar dan il-punt, jispjega li wara li kien ħadu l-bank u ħareġ somma tajba, l-attur kien stqarr miegħu ġol-karozza li huwa kien miġbud lejh u li kien lest jagħmel kollox għalih, tant li ried jagħtih anke dawk il-flus li kien għadu kemm ħareġ mill-bank. Jgħid li l-attur Vincent Aġius prova jersaq lejh u anke qabdu minn għonqu iżda l-konvenut ma riedx ikompli miegħu u b'hekk niżżlu mill-karozza. Minn wara dak l-inċident, il-konvenut jgħid li l-attur Vincent Aġius beda jakkużah li ħadlu l-flus;

22. L-ebda passi kriminali ma ttieħdu kontra l-konvenut Tanti għaliex il-Pulizija dehrilha li dan kien każ ta' tilwima ċivili aktar milli każ ta' natura kriminali (ara x-xiehda tal-Ispettur Elton Taliana f'paġna 21);

23. Imbagħad fis-26 ta' April, 2017, l-attur Vincent Aġius bagħat ittra uffiċjali lill-konvenut, biex tintradd lura s-somma ta' €25.000, allegatament mogħtija lilu b'self (ara paġna 4 tal-atti);

24. Billi l-konvenut baqa' ma radd xejn, l-atturi fl-4 ta' Ottubru, 2017, fetħu din il-kawża;

***Konsiderazzjonijiet***

25. Il-kwistjoni li hemm bejn il-partijiet hija jekk huwiex minnu li l-attur Vincent Aġius silef is-somma ta' €25,000 lill-konvenut Christian Tanti;

26. Id-deċiżjoni tal-qorti għalhekk tiddependi fuq min mill-partijiet għandu jiġi emmnut. Dan qed jingħad għaliex filwaqt li l-atturi qegħdin isostnu li dawn il-flejjes tassew ġew mgħoddija lill-konvenut, mill-banda l-oħra, il-konvenut jiċħad li huwa qatt irċieva xi flus mingħand Vincent Aġius bħala self;

27. In-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet f'dan il-każ titfa' ċertu responsabbilità fuq il-qorti, għaliex fuq naħa hija la trid li xi ħadd jitlef l-opportunità li jiġbor flusu lura, iżda min-naħa 'l-oħra lanqas ma trid li xi ħadd jiġi mġiegħel iħallas flus li huwa ma jkun irċieva qatt bħala self;

28. Dan meqjus, l-atturi jallegaw fir-rikors maħluf tagħhom, li Vincent Aġius għadda l-flus lill-konvenut Tanti bħala self fuq l-idejn u li dan kien wiegħed li jgħaddihom lura;

29. Is-self jinsab imfisser fl-**artikolu 1842 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** bħala kuntratt li bih «*waħda mill-partijiet tikkunsinna lill-oħra xi kwantità ta' ħwejjeġ li jintemmu bl-użu, bl-obbligu ta' min jissellef li jrodd lil min jislef daqshekk ieħor tal-istess xorta u kwalità*». Meta s-self ikun magħmul minn flus, l-**artikolu 1844(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** jgħid li l-obbligazzjoni tar-radd għandha tkun l-istess somma li tkun ġiet imsemmija fil-kuntratt jew ftehim;

30. Kif ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-sentenza ***John Muscat et v. Pacifico Bonnici et*** deċiża fid-19 ta' Jannar, 2005,

> *«l-attur li jitlob ir-restituzzjoni tal-ħwejjeġ minnu mislufa jrid jipprova l-elementi kostituttivi tal-kuntratt, u ċjoè t-traditio rei ossija f'dan il-każ,* ***il-konsenja tal-flus****, u, inoltre, li din il-konsenja ġiet effettwata b'titolu*

*li jimporta l-**<u>obbligu fl-accipiens li jirrestitwixxi l-ekwivalenti tas-somma mislufa</u>**. Huwa biss meta jirriżultaw aċċertati dawn iż-żewġ elementi tal-fatt kostituttiv tal-pretiża illi jista' jingħad illi l-attur ikun adempixxa l-oneru probatorju nkombenti fuqu*»;

31. Fi kliem aktar ħafif, biex jista' jingħad li jkun sar self ta' flus, hemm bżonn li jintwerew żewġ affarijiet: (i) li l-flus ikunu tassew ġew mgħoddija minn persuna għall-oħra; u (ii) li dawk il-flus ikunu għaddew minn id għall-oħra, bl-obbligu speċifiku li dawn għandhom jiġu mrodda lura fl-istess ammont;

32. Dan kollu ġie wkoll imtenni mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-sentenza, ***Perit Ondre Camilleri v. Leslie Corney*** maqtugħa fis-27 ta' Ottubru, 2000, fejn ingħad li s-self huwa kuntratt,

> *«li bih min jislef javvanza flus lil min issellef, li min-naħa tiegħu jassumi l-obbligu li jirrestitwihom. Bħal kull kuntratt ieħor, kif dejjem jista' jkun wieħed ċar u speċifiku, jista' jkun ukoll deżunt mill-provi ċirkostanzjali li ma jħallu l-ebda dubju f'moħħ il-ġudikant x'kienet il-volontà kontrattwali tal-partijiet involuti fin-negozju;»*

33. Fil-każ tagħna, il-konvenut Christian Tanti qiegħed jiċħad li huwa qatt irċieva flus mingħand il-konvenut u għalhekk skont il-konvenut hemm nieqes l-ewwel element tas-self, *viz*. dak tal-kunsinna tal-flus;

34. Dwar l-eżistenza tas-self irid jingħad li bejn l-attur Vincent Aġius u l-konvenut Christian Tanti ma saret ebda kitba ta' self jew kitba ta' għarfien tad-dejn;

35. Fl-affidavit tiegħu iżda l-attur Vincent Aġius jallega li s-self, fis-somma sħiħa ta' €25,000, twettaq f'għaxar okkażjonijiet differenti bejn id-29 ta' Jannar, 2016 u l-24 ta' Frar, 2016 (ara paġna 47 tal-atti);

36. Għalkemm huwa dejjem għaqli li wieħed jiffirma karta biex din isservi bħala prova tas-self, madankollu l-liġi ma titlobx li biex self ikun jiswa mill-aspett formali tiegħu, hemm bżonn li dan isir bilfors bil-miktub (ara ***Simon Parnis v. Benedetta***

***Meilak et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Frar, 2009). Il-forma ta' ftehim ta' self hija waħda miftuħa, li tista' ssir bil-fomm jew bil-miktub (ara ***Karmenu Mifsud v. Mariano D'Amato*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fil-15 ta' Novembru, 2006);

37. Ta' min jgħid, li huwa biss fil-każ ta' wegħda ta' self li l-liġi, skont l-**artikolu 1233(1)(b) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, titlob li din għandha ssir bil-miktub biex tkun tiswa f'għajnejn il-liġi (ara *inter alia* ***Hector Saliba v. Vincenzo Galea Montebello*** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fid-29 ta' Frar, 1938 u ***Salvatore Tonna v. Giovanna Scicluna pro et noe*** deċiża wkoll mill-Qorti tal-Kummerċ iżda fil-11 ta' April, 1940);

38. Madankollu jekk is-self ma joħroġx minn xi att miktub, l-eżistenza tiegħu jrid dejjem jiġi muri b'modi konvinċenti oħra, imqar jekk bi provi ċirkostanzjali. Naturalment, huwa dejjem meħtieġ li ssir prova tajba, b'dana li sempliċi allegazzjoni jew konġettura ma tistax titqies bħala biżżejjed li l-flus ikunu tassew ġew mislufa;

39. Fi kliem ieħor, għalkemm mhuwiex eskluż li self jista' jsir fuq l-idejn mingħajr kitba, dan però jitfa' piż qawwi fuq min qiegħed jallega li sellef il-flus li jġib provi tajbin biex juri li dan is-self ikun sar tassew. Il-kelma tiegħu waħidha għalhekk taf ma tkunx biżżejjed biex jiġi ppruvat is-self, aktar u aktar, jekk il-parti l-oħra tkun qieħda tiċħad li rċeviet dawk il-flus, bħalma huwa l-każ tallum;

40. Skont il-liġi, l-obbligu ta' prova ta' fatt dejjem tmiss lil min jallegah u mhux minn min jiċħdu (ara **artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**). Ifisser dan, li jaqa' fuq l-atturi li jġibu prova rilevanti u persważiva li huma verament selfu l-flus.Tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu hawnhekk li *quod gratis asseritur, gratis negatur*, jiġifieri dak li jingħad bla evidenza, jista' wkoll jitwarrab mingħajr evidenza;

41. Jekk l-atturi jonqsu milli jipprovaw l-allegazzjoni tagħhom, dan iwassal għall-ħelsien tal-konvenut (ara f'dan is-sens ***Hans J. Link et v. Raymond Mercieca***, Appell Inferjuri tat-12 ta' Jannar 2001 u ***Hotel Services Ltd v. Mark Curmi et pro et noe***, Appell Superjuri tad-29 ta' April 2016 fost oħrajn). Huwa sewwasew għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova (ara **artikoli 562** u **559 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**);

42. Huwa maqbul ukoll fil-ġurisprudenza, illi f'każ li jkun hemm żewġ verżjonijiet li ma jaqblux, il-qorti għandha fuq il-bażi tal-**artikolu 562** tiffavorixxi dik tal-konvenut peress li kien l-attur li kellu l-obbligu li jipprova l-allegazzjoni tiegħu (ara fost oħrajn ***Paul Portelli v. Peter Portelli***, Appell Inferjuri tal-5 ta' Lulju 2006, ***Edward Engerer v. Richard Attard et pro*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Settembru, 2019, ***Emil Otto Bachet v. Bank of Valletta plc*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Novembru, 2020 u ***Madelaine Bezzina v. Emanuel Bezzina et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-21 ta' Lulju, 2021);

43. Illi mħaddem dan kollu għall-każ li għandna quddiemna, il-qorti tasal għall-fehma li l-atturi ma seħħilhomx juru li l-attur Vincent Aġius tabilħaqq għadda s-somma ta' €25,000 bħala self lill-konvenut Christian Tanti. Din il-qorti waslet għal din il-konklużjoni għal aktar minn raġuni waħda;

44. Ibda biex, għalkemm jidher mir-rendikont tiegħu, f'paġna 107 tal-atti tal-kawża, li l-attur Vincent Aġius tassew kien ħareġ is-somma ta' €25,000, fid-dati kollha msemmija minnu f'paġna 47 tal-affidavit tiegħu, minn ġol-kont tat-tfaddil tiegħu li kellu mal-Bank of Valletta plc, madankollu ma nġabitx prova tajba u konvinċenti biżżejjed li turi li dawn il-flus, li huwa ħareġ mill-bank, għaddihom lill-konvenut Tanti bħala self;

45. L-atturi ma ressqu l-ebda xhud li ra lill-konvenut Tanti jieħu dawn il-flus;

46. F’dan is-sens, il-qorti ma tantx tista’ toqgħod la fuq ix-xiehda ta’ Marie Aġius (mart l-attur Vincent Aġius) u lanqas fuq ix-xiehda ta’ Darlene u Jonathan Aġius (ulied l-atturi), għaliex għalkemm dawn ilkoll tennew li missierhom sellef il-flus lill-konvenut Tanti, dawn ma kinux preżenti waqt l-allegat tnewwil tal-flus u qagħdu biss fuq dak li qalilhom l-attur Vincent Aġius. Ix-xiehda tagħhom għalhekk ma tista’ tkun ta’ ebda fejda għall-każ tal-atturi;

47. Huwa minnu li l-konvenut Christian Tanti kien iwassal lill-attur Vincent Aġius sal-bank biex jiġbed il-flus u huwa veru wkoll li l-konvenut kien anke preżenti l-bank meta Vincent Aġius ħareġ is-somma ta’ €17,000, imma b’daqshekk ma jfissirx li dawn il-flus minn idejn l-attur għaddew bħala self f’idejn il-konvenut;

48. Fl-affidavit tiegħu, Vincent Aġius jgħid li hemm il-*cameras* tal-bank li juru li huwa għadda l-flus li ġibed lill-konvenut, iżda dawn il-filmati ma nġiebux bħala prova f’din il-kawża;

49. Barra minn hekk, skont id-dikjarazzjoni stess tal-attur Vincent Aġius, huwa talab lill-bank biex joħroġlu s-somma ta’ €17,000 sabiex huwa jkun jista’ jixtri vettura (ara paġna 178 tal-atti). Bħala prova ta’ dan, l-attur saħanistra newwel fattura maħruġa fl-24 ta’ Frar, 2016 minn LIACO Limited fuq ismu, li turi l-ħsieb tiegħu li jixtri vettura Subaru bil-prezz ta’ €17,000 (ara paġna 179 tal-atti);

50. L-attur Vincent Aġius iżda jgħid fl-affidavit tiegħu li huwa gideb lill-bank fuq din il-ħaġa għaliex huwa lanqas biss kien isuq. Jgħid ukoll li huwa mexa kif qallu l-konvenut sabiex joħroġ il-flus;

51. Għall-qorti din l-imġieba tal-attur Vincent Aġius hija waħda ta’ min jistmerra. Jgħodd hawnhekk il-prinċipju Latin li *nemo auditur propriam turpitudinem allegans*, jiġifieri, li ħadd ma jista’ jqanqal favurih l-imġieba ħażina tiegħu. Jekk l-attur Vincent Aġius għoġbu jiddikjara dak il-kliem lill-bank biex joħroġ il-flus huwa marbut li joqgħod bihom u mhux jippretendi li din il-qorti taċċetta verżjoni oħra;

52. Fuq kollox, il-qorti ma tarax raġuni tajba għalfejn l-attur Vincent Aġius kellu għalfejn joqgħod jigdeb lill-bank u joħloq *messa in scena,* bil-produzzjoni ta' fattura ta' xiri ta' vettura, sabiex joħroġ flusu minn hemm. Jekk kif jgħid l-attur, huwa ħareġ €17,000 mill-bank biex jislifhom lill-konvenut Tanti, huwa messu qal il-verità mill-ewwel lill-bank. Mir-rendikont tiegħu jidher li ġa fil-passat, l-attur kien irnexxilu joħroġ il-flus mill-bank biex jgħaddihom lil ħaddieħor (ara pereżempju t-trasferimenti ta' donazzjonijiet fl-ammont ta' €4000 lil Zelmat Abdelkadir-Belkacem (paġna 103 tal-atti) u fl-ammont ta' €10,500 lil Silvana Carabott (paġni 104 u 105 tal-atti);

53. Il-qorti tifhem li l-bank kulma ried huwa spjegazzjoni tajba, għall-għanijiet tal-liġijiet dwar il-ħasil tal-flus, għaliex somma daqshekk kbira kienet ħa tinħareġ minn kont ta' tfaddil. Issa jekk l-attur Vincent Aġius għoġbu jigdeb lill-bank, huwa għandu jbati l-konsegwenza ta' dik il-gidba u ma jistax jippretendi lil din il-qorti temmen dak li qed jgħid issa u mhux dak li kien qal lill-bank fl-2016;

54. Hekk ukoll, il-qorti fil-kunsiderazzjonijiet tagħha ma tistax ma tqisx ukoll l-inkonsistenzi tal-attur Vincent Aġius fejn tidħol ir-raġuni tas-self. Fl-affidavit tiegħu, l-attur jgħid li huwa sellef il-flus lill-konvenut Tanti għaliex dan kien qallu li ħuh kien marid bil-kanċer, filwaqt li fix-xiehda tiegħu quddiem il-qorti, huwa jsemmi li l-flus sellifhom ukoll minħabba li l-konvenut kellu d-dejn minħabba d-droga li kien qed jieħu ħuħ, u kif ukoll biex jiftaħ negozju tal-karozzi;

55. Il-qorti, b'kuxjenza kwieta, tgħid li hija ma tantx tista' temmen lill-attur. Anzi l-qorti ssibha ftit diffiċli taċċetta kif raġel ta' 55 sena, li ma jistax jaħdem u li għandu familja, jaqbad u jagħti b'self, kważi nofs l-ammont kollu li kellu mfaddal fil-bank, lil xi ħadd li kien ilu jaf biss xi sena;

56. Tgħid x'tgħid bintu dwar il-karattru ġeneruż u twajjeb tal-attur, il-qorti ma tantx tista' tniżżilha li l-attur kien lest li jsellef nofs ġidu fuq il-kelma biss ta' barrani,

mingħajr la jagħmel verifiki u mistoqsijiet fuq ir-raġunijiet tas-self u mingħajr ma jagħmel imqar riċevuta tal-kunsinna tal-flus;

57. B'rabta ma' dan, din il-qorti bla tlaqliq tgħid li hija lanqas ma tista' temmen dak li Darlene Aġius (bint l-atturi) tgħid fl-affidavit tagħha, f'paġna 70 tal-atti, li l-familja kollha kienu qablu li jsellfu l-flus lill-konvenut Christian Tanti. Għalkemm din hija ħaġa nobbli ħafna u ta' min ifaħħarha, però mhijiex ħaġa komuni, li ssib familja daqshekk ġeneruża li taqbel kollha kemm hi, li tgħaddi nofs ġidha lil xi ħadd barrani. Fuq kollox, din il-qorti ma tistax tqis din ix-xiehda ta' Darlene Aġius b'serjetà, aktar u aktar meta wieħed iqis dak li xehdet ommha, l-attriċi **<u>Mariella Aġius</u>**, f'paġna 249 tal-atti, meta qalet, «*li it-tifla tiegħi sfortunatament mhux qiegħda tajjeb u finanzjarjament nejna jien* [sic]»;

58. Il-qorti tifhem ukoll li familja mhux ħa taqbad tagħti flusha kif ġieb u laħaq;

59. Wieħed kien jistenna li jekk verament il-konvenut Tanti talab il-flus għall-kura ta' ħuh, il-familja tal-atturi kienu ħa jsaqsu dwar it-tip ta' marda li kellu ħu l-konvenut u għaliex kellu bżonn il-flus: ngħidu aħna jekk hux għall-mediċina, jew għall-kura fi sptar privat jew għas-safar fi sptar barrani. Iżda l-ebda tagħrif dwar dawn l-affarijiet ma ngħata mix-xhieda mressqa mill-atturi. Mhux hekk biss, iżda dawn ix-xhieda, inkluż l-atturi, lanqas biss kellhom il-ħila jgħidu isem ħu l-konvenut, li suppost kellu jgawdi minn flushom;

60. Għall-istess raġunijiet din il-qorti ma tistax ukoll tafda lill-atturi meta jgħidu li parti mis-self ingħata lill-konvenut biex jinbeda negozju fil-vetturi jew biex jinqata' d-dejn li l-konvenut allegatament kellu minħabba l-problema tad-droga li kellu ħuh;

61. Din il-qorti tabilħaqq mhijiex sodisfatta li l-attur Vincent Aġius għadda dawn il-flus b'self minħabba dawn ir-raġunijiet imsemmija minnu għaliex persuna mhux għanja ma tantx tislef flus fl-għama jew fuq il-fiduċja mingħajr dettalji ta' xejn jew b'dettalji minimi għall-aħħar;

62. Min-naħa l-oħra, il-verżjoni tal-konvenut Christian Tanti, li huwa qatt ma kien irċieva flus bħala self kienet u baqgħet dejjem konsistenti, kemm meta huwa ġie interrogat mill-Pulizija qabel ma nfetħet din il-kawża, u kif ukoll meta huwa tela' jixhed quddiem il-qorti;

63. F'tali ċirkostanzi, il-qorti tħoss li jgħodd ħafna għal dan il-każ, dak mgħallem mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fil-kawża, ***John Mary sive Jimmy Vella nomine v. Bernard Hotel Limited*** mogħtija fis-17 ta' Ottubru 2008,

> *«li fejn tonqos l-insuffiċjenza ta' prova għas-sostenn tad-dritt pretiż, jew fejn dik il-prova mhix waħda ċara u univoka, raġonevolment, din is-sitwazzjoni għandha tivverbera negattivament fuq min hu hekk mgħobbi bl-oneru li joffri ċ-ċertezza ta' l-allegazzjoni tiegħu, bil-konsegwenza li jsib ruħu rinfaċċjat bir-riġett tad-domanda. Identiku, minn dejjem, hu l-ħsieb traċċjat f'bosta deċiżjonijiet fuq dan il-punt in omaġġ tal-prinċipju magħruf li min jallega, jrid jipprova.»*

64. Iżda fl-aħħar mill-aħħar, dak li fil-verità saħħaħ l-aktar il-fehma ta' din il-qorti biex tiddeċiedi li f'dan il-każ l-atturi ma ppruvawx li verament kien hemm self, huwa l-fatt li hija ma tistax tifhem kif l-atturi qed jallegaw li silfu s-somma mhux żgħira ta' €25,000 għall-bżonnijiet tal-konvenut Tanti u huma talbu lil dan Tanti biex irodd lura dawn il-flus mislufa lilu, anqas minn xahar wara;

65. Għallinqas skont kif jgħid l-attur Vincent Aġius fl-affidavit tiegħu, il-flus ġew suppost mislufa lill-konvenut f'għaxar okkażjonijiet differenti bejn id-**<u>29 ta' Jannar, 2016</u>** u t-**<u>23 ta' Frar, 2016</u>**, jiġifieri fi spazju ta' anqas minn xahar. Fl-istess affidavit, l-istess attur iżda jgħid ukoll li huwa talab lill-konvenut Tanti biex jgħaddilu l-flus lura permezz ta' messaġġi u ta' żewġ ittri mibgħuta lilu fl**<u>-4 ta' Frar, 2016</u>** u fit-**<u>18 ta' Marzu, 2016</u>**;

66. Il-qorti jkollha tistqarr li taraha ferm stramba kif l-attur Vincent Aġius baqa' jsellef ħafna aktar flus lill-konvenut fi Frar 2016, meta fl-4 ta' Frar 2016 huwa kien kitiblu biex irodd lura l-flus li kien tah f'Jannar u fl-ewwel tliet ijiem ta' Frar 2016;

67. Terġa' u tgħid, din il-qorti taraha aktar stramba kif l-atturi qegħdin jgħidu li huma silfu l-flus lill-konvenut Tanti minħabba l-kura ta' ħuh, u mbagħad ippretendew li dan Tanti kellu jrodd lura mill-ewwel dawn il-flus, allegatament mislufa lilu tliet ġimgħat biss qabel;

68. Wieħed jifhem, li persuna ma tislifx flus għall-kura ta' xi ħadd u tippretendi li tiġborhom lura mill-ewwel għaliex flok tgħinu lil dak li jkun, tkun aktar qed tgħaddih biż-żmien;

69. B'żieda ma' dan, għalkemm l-atturi jallegaw li huma silfu l-flus lill-konvenut Tanti, huma fl-ebda waqt ma qalu meta l-konvenut kien suppost obbligat li jrodd il-flus lura. Kif ingħad aktar kmieni, biex jista' jingħad li kien hemm self, barra li jintwera li għaddew il-flus, irid jintwera wkoll li kien hemm l-obbligu tar-radd lura tal-flus;

70. Kif spjegat mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni b'referenza għall-**artikolu 1813 tal-Kodiċi Ċivili Taljan** (korrispondenti għall-**artikolu 1842 tal-Kodiċi Ċivili** tagħna),

> «*la datio di una somma di denaro non vale, di per sè, a fondare la richiesta di restituzione, allorquando, ammesso la ricezione, l'accipiente contesti il titolo della consegna e, correlativamente l'obbligo di restituzione. Infatti, potendo una somma di denaro essere consegnata per varie causali, la contestazione, ad opera dell'accipiens impone, all'attore in restituzione, di dimostrare per intero il fatto costitutivo della sua pretesa; onere che si estende alla prova di un titolo giuridico implicante, appunto, l'obbligo della restituzione*» (**Cassazione, 23 ta' April 1998, N.4197**);

71. F'dan il-każ, din il-qorti ma tistax tniżżilha li l-obbligu tar-radd lura tal-allegat self kien ta' inqas minn xahar wara li suppost ingħataw €25,000. Dan għalhekk ikompli jsaħħaħ il-fehma tagħha li mhux veru kien hemm self;

72. Il-qorti tagħlaq billi tgħid li r-relazzjoni ta' bejn l-attur Vincent Aġius u Christian Tanti tidher kemmxejn stramba, tant li tħalli l-qorti f'qagħda ta' bejn ħaltejn jekk dawn iż-żewġ partijiet qalux kollox x'kien hemm bejniethom. Imma mhux għall-qorti li toqgħod tistħajjel jew tidħol fi kwistjonijiet li ma jiffurmawx parti mit-tilwima miġjuba mill-partijiet għaliex inkella tidħol fil-vizzju tal-*ultra* jew *extra petita*;

73. L-azzjoni tal-atturi f'dan il-każ inbniet biss fuq l-argument li ngħata self. Iżda għal din il-qorti dan is-self ma rriżultax li ġie ppruvat u għalhekk it-talbiet attriċi ma jistgħux jintlaqgħu;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi **tiċħad** iż-żewġ talbiet tal-atturi miżżewġin Aġius għaliex ma ġiex ippruvat kif imiss li l-konvenut Christian Tanti rċieva flejjes mingħandhom b'self;

**Tordna** li l-ispejjeż ta' din il-kawża jitħallsu kollha kemm huma mill-atturi miżżewġin Aġius;

______________________

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

______________________

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**